MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 451/2010

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Akkuzat fuq talba tad-Dipartiment tax-Xoghol u Emigrazzjoni, talli fil- 31 ta’ Jannar, 1998 u qabel din id-data, naqas li jhallas lill-impjegat tieghu Fernando Cremona ‘Leave’ ghall-korriment ghall-perjodu bejn l-14 ta’ Novembru, 1997 u l-31 ta’ Jannar, 1998, kif hemm spjegat fil-prospett anness mac-citazzjoni.

Naqas ukoll li jghati lill-istess Fernando Cremona bonus fl-ammont ta’ Lm58 ghal-Dicembru, 1997.

Il-Qorti giet mitluba bir-rispett li tordna lill-akkuzat li jhalllas lil Fernando Cremona s-somma ta’ Lm270.45 kif hemm spjegat fl-istess prospett.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Ottubru, 2010 fejn wara li rat it-terminu tal-preskrizzjoni emergenti mill-Kapitolu 135

tal-Ligijiet ta' Malta, dak iz-zmien applikabbli meta sar ir-reat, u dikkjarat l-azzjoni preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-28 ta' Ottubru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti sabiex, wara li tkun semghet il-provi ammissibbli skond il-ligi, thassar u tirrevoka s-sentenza u minflok issib lill-appellat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat illi l-aggravu tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, illiberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet relattivi wara li l-Qorti ddikjarat li din l-azzjoni kienet preskritta, meta fil-fatt skond il-ligi din l-azzjoni penali ma kienitx ghadha estinta bl-effett tal-preskrizzjoni u b'hekk l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet ukoll applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi.

L-esponent jifhem li fil-kamp penali l-preskrizzjoni tista` tigi anke sollevata mill-Qorti 'ex-ufficio', kif ukoll li huwa istitut ta' ordre public u li huwa soggett ghal ligijiet proceduriali specifici u t' interpretazzjoni stretta. Biss ma jistax ma jinnotax ukoll li l-iter processwali f' dan il-kaz ma kienx kif imesmmi mill-imputat appellat u mill-Qorti fis-sentenza taghhom, u diversi gatti u fatturi li sehhew, jimmilitaw favur it-tezi tal-esponent ghar-ragunijiet li gejjin.

Qabel xejn, il-perjodi li dwarhom l-imputat appellat u l-Qorti qed jitrattaw il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ma humiex l-istess. Hemm diskrepanzi bejniethom. Apparti minn hekk l-artikolu 693 tal-Kodici Kriminali fil-perjodu rilevanti ghal dan il-kaz kien, u ghadu, jghid hekk:-

**693.** (1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att talproċediment li jiġi innotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkużat.
(2) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat tal-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok għall-arrest, bic-

citazzjoni, ghalkemm il-mandat tal-arrest jew ic-citazzjoni jkunu baqghu bla effett minhabba li l-imputat jew akkuzat jinheba jew jitlaq minn Malta.
(3) Iż-żmien miksur tal-preskrizzjoni jerġa' jibda miexi mill-ġdid mill-ġurnata li jkun ġie miksur.
(4) Il-ksur tal-preskrizzjoni għandu effett kontra dawk kollha li jkunu ħadu sehem fir-reat, għalkemm l-att li bih tkun ġiet miksura l-preskrizzjoni jkun sar kontra wieħed biss.

L-esponent jifhem ukoll li n-notifika tal-atti gudizzjarji trid tigi pruvata mill-atti nfushom. Biss l-esponent itenni li in bazi ghall principju naxxenti mill-'best evidence rule', ghalekmm il-prova dokumentarja tista tkun l-aqwa prova producibbli, f' certi kazi, provi ohrajn u extra-dokumentarji ghandhom jigu ritenuti sufficjenti u skond il-ligi sabiex ikunu jistghu jikkostitwixxu prova tan-notifika t' atti gudizzjarji.

Mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

1. L-ewwel udjenza li saret f' dan il-kaz kienet dik tal-5 ta' Mejju, 1998 (ara fol 6) u mhux dik tat-23 ta' Gunju, 1998 kif erronjament qalet il-Qorti fis-sentenza. Fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 1998 l-imputata deher u ddikjara li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.
2. Wara dik l-udjenza, kien hemm ohra fit-23 ta' Gunju, 1998 (fol 22) li fiha Dr. Sammut (Joseph) ghall-imputat ghamel talba ghal differiment tal-udjenza li ma kienetx giet opposta mill-prosekuzjoni.
3. Fil-15 ta' Settembru, 1998 il-kawza giet differita ghas-27 ta' Ottubru, 1998 (fol 23).
4. Fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 1998, l-Avukat Dr. Joseph Sammut deher ghall-imputata u l-kawza giet differita ghal-15 ta' Dicembru, 1998 (fol 24).
5. Fis-seduta tal-15 ta' Dicembru, 1998, Dr. Joseph Sammut rega talab differiment tal-udjenza (liema talba ma kienetx opposta) u l-kawza giet differita ghat-23 ta' Marzu, 1999 (fol 26).
6. Fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 1999 l-imputat ma deherx u l-kawza giet imhollija ghan-notifika ghat-22 ta' Gunju, 1999 (fol 27).

7. Fis-seduta tat-22 ta' Gunju, 1999 deher l-imputat assistit minn Dr. Joseph Sammut. Matul dik l-udjenza xehed ukoll Fernando Cremona (ara fol 28).
8. Ghalkemm huwa minnu li mill-atti processwali jirrizulta li l-imputat deher fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 1998 u mbaghad wara f'dik tat-22 ta' Gunju, 1999 (cioe` sena u kwazi tlett gimghat wara), jirrizulta car mill-atti li (ghalkemm ma hemmx kopja tac-certifikat tan-notifika lill-imputat dwar id-dati tal-udjenzi successivi jew atti gudizzjarji ohra li jindikaw li kien hemm ksur tal-preskrizzjoni) jirriszulta ampjamenti li:-

(a) L-avukat Dottor Joseph Sammut kien qieghed jippatrocina lill-imputat appellant;

(b) Dan l-Avukat deher fit-23 ta' Gunju, 1998 (fol 22) fejn, naturalment f'isem l-impuat appellat ghamel talba ghal-differiment tal-udjenza li ma kienetx giet opposta mill-prosekuzjoni;

(c) Fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 1998, l-istess Avukat deher ghall-imputat u l-kawza giet differita ghal-15 ta' Dicembru, 1998 (fol 24);

(d) Fis-seduta tal-15 ta' Dicembru, 1998, Dr. Sammut rega talab differiment tal-udjenza, (liema talba ma kienitx opposta) u l-kawza giet differita ghat-23 ta' Marzu, 1999 (fol 26).

9. Fl-umli fehma tal-esponent, ghalkemm formalment ma hemm ebda dokument li jghid li l-imputat gie notifika bl-avviz tas-smiegh tal-kawza, m'hemmx dubju li:-

(a) L-Avukat Dottor Joseph Sammut kien qieghed jippatrocina lill-istess imputat appellat u li kien qieghed jidher f'isem l-imputat appellat fuq struzzjonijiet tal-impuata appellat;

(b) Meta talab differimenti kien qieghed jghamel dan f'isem il-klient tieghu, l-imputat appellat.

10. F' dawn is-seduti hawn fuq imsemmija ma hemm xejn fil-verbali tas-seduti li jindika li l-imputat kien prezenti, pero` l-anqas hemm indikat li kien assenti. Biss anke jekk, gratia argomenti, l-impuata ma kienx prezenti ghall-udjenzi de quo, huwa kien zgur mgharraf bl-istess udjenzi, ghaliex altrimenti ma kienx jinkariga lill-Avukat imqabbad minnu sabiex jidher f'ismu u l-istess Avukat ma kienx jiehu l-briga li jidher ghall-klijent tieghu. Naturalment ir-responsabilita` tad-dehera quddiem dik il-Qorti kienet inkombenti fuq il-klijent ossia l-impuata appellat u mhux l-Avukat tieghu, li kien qieghed iwettaq id-dover tieghu lejn il-klijent tieghu billi jidhirlu l-Qorti. Pero` bit-twettieq ta' dak id-dover u b'mod responsabbli bhala ma ghamel l-Avukat Dottor Joseph Sammut, meta pprezenzja ruhu matul l-udjenzi de quo, u f'isem il-klijent tieghu, fejn anke ghamel talbiet ghal differiment, ifisser per konsegwenza, nonche per necessita li:

(a) Il-klijent tieghu kien tant notifikat u mgharraf bis-seduti de quo, li sahansitar inkarigah u li hu, qua Avukat serju u responsabbli, deher ghas-seduti quddiem il-Qorti, u

(b) Issottometta lilu nnifsu (tramite l-Avukat tal-fiducja tieghu) ghall-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti u d-digrieti u decizjonijiet taghha.

F' dan l-isfond, l-esponent itenni li ma jistax jinghad li l-imputat ma kienx notifikat b'dawn is-seduti, anke peress li f'diversi minnhom, l-Avukat tal-imputat kien ha sehem attiv fihom. U f' dan is-sens ma jistax jigi ritenut li ma kienx notifikat.

11. Apparti minn hekk jirrizulta li fis-seduta tat- 22 ta' Gunju, 1999 l-imputat deher ghas-seduta u kien assistit minn Dr. Joseph Sammut. Sal-25 ta' April, 2001, l-imputat kien deher ghas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 1999 (fol 31)(ghalkemm a fol 30 jinghad li l-kawza kien giet differita ghat-18 ta' Jannar, 2000 – izda jidher li dan l-ahhar verbal

mhux korrett ghaliex matul is-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2000 kien xehed Moses Azzopardi, li d-depozizzjoni tieghu tinsab a fol 37), kif ukoll kien gie notifika bl-avviz tas-smiegh tas-seduta tat-18 ta' Jannar, 2000 nhar il-11 ta' Jannar, 2000 u dan permezz ta' dokument a fol 36; u fis-seduta tat-18 ta' April, 2000 l-esponent kien prezenti ghas-seduta de quo. Anke hawnhekk l-esponent ma jaqbilx mal-Qorti li l-imputat ma kienx notifikat.

12. Illi bejn is-seduta tat-18 ta' April, 2000 u l-25 ta' April, 2001 saru erba` seduti: fit-18 ta' Lulju, 2000 fejn, ghal darba ohra ghal talba da parti tal-Avukat Dottor Joseph Sammut li ma kienetx opposta, inghata differiment ta' dik l-udjenza ghal-data ohra (ara fol 46); fl-24 ta' Ottubru, 2000, rega` deher Dr. Joseph Sammut li pprezenta certifikat mediku tal-imputat (ara fol47) u fit-30 ta' Jannar, 2001 il-kawza giet differita ghall-25 ta' April, 2001.

13. Hawnhekk ghal darba ohra jidher li f'zewg udjenzi partikolari, (cioe` fit-18 ta' Lulju, 2000 fejn ghal talba da' parti tal-Avukat Dottor Joseph Sammut li ma kientx opposta, inghata differiment ta' dik l-udjenza ghal data ohra (ara fol 46) u fl-24 ta' Ottubru, 2000, fejn rega` deher Dr. Joseph Sammut li pprezenta certifikat mediku tal-imputat (ara fol 47) ghalkemm ma hemm ebda dokument li jindika li l-imputat kien formalment notifikat bis-seduti de quo, l-Avukat tieghu ipprezenzja ruhu u ha sehem attiv fil-proceduri kemm ghaliex kien talab differiment fl-udjenza tat-18 ta' Lulju, 2000, u aktar u aktar meta fl-24 ta' Ottubru, 2000, ipprezenta, naturalment f' isem il-klijent tieghu, certifikat mediku biex jattesta r-raguni ghaliex il-klijent tieghu ma kienx attenda ghal dik is-seduta. L-esponent umilment jidhirlu li kieku l-imputat appellat ma kienx notifika bid-data tas-seduta, kif seta jinkariga l-Avukat Dottor Sammut sabiex f'ismhu jidher u sahansitra jipprezenta certifikat mediku? Bid-dovut rispett, anke hawn jidher li , ghalkemm m'hemmx il-kopja tad-dokument li juru li fil-fatt l-imputat kien notifikat formalment, mill-agir tal-imputat appellat u l-Avukat tieghu, mill-verbali tal-udjenzi u minn dak li jidher li sehh matul dawn l-udjenzi, bilfors irid jigi konkluz li l-imputat kien notifikat bid-dati tas-seduti. Altrimenti ma setghax ikun li jinkariga lill-Avukat tal-fiducja tieghu biex jaghmel dawk it-talbiet f'ismu.

14. Wara s-seduta tal-25 ta' April, 2001, kien hemm ukoll diversi seduti ohrajn. Fosthom fid-19 ta' Gunju, 2001 u fil-25 ta' Settembru, 2001 is-seduti kienu gew differiti minhabba indispozizzjoni tal-Magistrat. Biss nhar it-12 ta' Gunju, 2001 jidher (minn fol 52), li l-imputat kien gie notifikat bis-seduta tad-19 ta' Gunju, 2001 nhar it-12 ta' Gunju, 2001. Inoltre, nhar it-18 ta' Gunju, 2001, l-imputat kien gie notifikat (permezz tad-dokument a fol 54) bid-data tas-seduta tal-25 ta' Settembru 2001 (ghalkemm f' dik is-seduta ma sar xejn minhabba l-indispozizzjoni tal-Magistrat). Wara dik is-seduta, l-imputat kien rega gie notifikat bl-avvis tas-smiegh tas-seduta successiva tas-27 ta' Novembru, 2001 permezz ta' notifika ta' tahrika datata 26 ta' Ottubru, 2001. Ghalhekk l-esponet ma jistax jaqbel mal-verba maghmul mill-imputat appellat nhar is-7 ta' Ottubru, 2010 li mis-seduta tat-18 ta' April, 2000 sa' meta l-imputat gie notifikat fis-26 ta' Ottubru, 2001 kien ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ghaliex dak it-terminu kien gie interrot kif aktar il-fuq spjegat.

Rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellat.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellat huwa Direttur tas-socjeta Abdilla Construnction. Ferdinando Cremona kien impjegat taghha. Fl-10 ta' Novembru, 1997 Cremona wegga' fuq ix-xoghol izda wara dan il-korriment l-appellat naqas li jhallsu l-leave ghall-korriment ghal perjodu bejn l-14 ta' Novembru, 1997 u 31 ta' Jannar, 1998, kif ukoll naqas li jaghti lil Cremona bounus fl-ammont ta LM58 ghal Dicembru, 1997. L-appellat gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-5 ta' Mejju, 1998, wara din l-udjenza saru aktar minn erbghin (40) seduta sakemm fl-ahhar fis-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010 l-appellat ressaq l-eccezzjoni illi l-azzjoni tinsab preskritta, dana peress illi bejn is-seduta tat-18 ta' April tas-sena 2000 sas-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2010 lahqu ghaddew aktar minn sena u nofs u ghalhekk il-kawza kienet preskritta. L-ewwel Qorti laqghet din l-eccezzjoni u ghalhekk iddikjarat l-azzjoni tal-Prosekuzzjoni bhala preskritta.

L-Avukat Generali hass ruhu agravat minn din is-Sentenza u nterpona dan l-appell peress illi dehrlu illi saret interpretazzjoni hazina tal-Ligi. L-Avukat Generali gustament ikkwata l-artiklu 693 tal-Kodici Kriminali li fis-sub Artiklu 1 jghid li z-zmien tal-preskrizzoni jinkiser b’kull att tal-procediment li jigi nnotifikat lill-imputat jew akkuzat dwar il-fatt li ghalih ikun imputat jew akkuzat. Imbaghad ghadda biex elenka d-deferimenti u l-udjenzi kollha illi saru f’din il-kawza u enfasizza specifikament il-prezenza ta’ l-avukat ta’ l-appellat f’dawn id-deferimenti illi kien jidher il-qorti u jitlob deferiment ghan-nom ta’ l-akkuzat. Jghid “Naturalment ir-responsabilta tad-dehra quddiem dik il-Qorti kienet tikkombi fuq il-klient, ossia l-imputat appellat u mhxu fuq l-avukat tieghu li kien qed iwettaq id-dover tieghu lejn il-klient tieghu billi jidhirlu l-Qorti. Pero’ bit-twettieq ta’ dak id-dover u b’mod responsabli bhal ma ghamel l-avukat Dr. Joseph Sammut meta pprezenta ruhu mautl l-udjenzi de quo f’isemil-klient tieghu u anke ghamel talbiet ghal diveriment ifisser per konsegwenza illi l-appellat kien notifikat u mgharraf bis-seduta”.

Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Jibda biex jinghad, illi l-obligu tal-prosekuzzjoi huwa li jinnotifika lill-akkuzat ghal kull deferiment illi jkun hemm quddiem il-Qorti Kriminali sakemm ma jirrizultax fil-verbal precidenti li l-Qorti tkun innotifikatu hi stess bis-seduta li jkun imiss. Fl-ebda wahda mid-deferimenti lisaru f’din il-kawza ma rrizulta dan it-tip ta’ notifika. Meta akkuzat ma jidhirx il-Qorti, l-Prosekuzzjoni hija obligata illi tesebixxi r-riferta halli l-Qorti tkun taf x’mizuri ghandha tiehu, d-dehra ta’ l-avukat illi jitlob deferiment mhijiex notifika skont il-Ligi u lanqas ma tfisser illi l-klient ikun inkariga lill-avukat biex jidhirlu. Avukat ta’ l-affari tieghu jkollu d-diary tad-deferimenti u jista jsegwi d-diferimenti jew mill-Qorti jew mir-Registru u minghjr ma joqghod jistenna illi joqghod javzah il-klient jidher kull darba sabiex isegwi l-andament tal-kawza.

Jista jkun hemm diversi ragunijiet ghaliex l-avukat ikun talab deferiment izda fl-ebda wahda mill-verbali ma nghatat ir-raguni ‘l ghaliex intalab deferiment hlief darba meta gie pprezentat certifikat mediku. Ghalhekk id-dehra

ta’ l-avukat waqt seduta ma jfissirx illi l-akkuzat ikun gie notifikat ghal dik is-seduta, l-ahjar prova hija dejjem ir-riferta. Izda, l-Qorti ma tistax tassumi xejn u ma tistax tiddeduci n-notifika ta’ l-akkuzat sempliciment bil-prezenza ta’ l-avukat waqt is-seduta. Huwa veru illi hija prassi normali u komuni hafna illi l-avukati minhabba esigenzi ta’ xoghol jitolbu deferiment f’kawza u f’hin partikulari u l-Qorti takkorda din it-talba. Ma hemm xejn hazin f’dan pero’ minn naha taghha l-Prosekuzzjoni ghandha tipprezenta r-riferta xorta wahda u ma tistax tassumi li ghax deher l-avukat il-klient tieghu kien notifikat u hawn qieghed in-nuqqas principali tal-Prosekuzzjoni f’din il-kawza. Fil-waqt illi jista jkun illi l-akkuzat kien qed ikun notifikat ma hemm l-ebda porova ta’ dan u minkejja illi kien qed jidher l-avukat u qed jitlob id-deferiment biex tikkawtela l-pozizzjoni taghha l-Prosekuzzjoni ghandha dejjem tesebixxi r-riferta xorta wahda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni ta’ l-Avukat Genrali meta jghid “Bid-dovut rispett, anke hawn jidher li, ghalkemm m’hemmx kopja tad-dokumenti li juri li fil-fatt l-imputat kien notifikat formalment, mill-agir ta’ l-imputat appellat u l-avukat tieghu, mill-verbali ta’ l-udjenza u minn dak li jidher li sehh matul dawn l-udjenzi, bilfors irid jigi konkluz li l-imputat kien notifikat bid-dati tas-seduti.” (fol 120). F’Awla kriminali ma tista tiddeduci xejn hlief illi ma hemmx prova illi l-appellat kien qed ikun notifikat ghal dawn id-deferimenti kollha, l-prezenza ta’ l-avukat tieghu mhijiex bizzejjed u ma tistax tassumi illi kien inkariga lill-avukat biex jidher ghan-nom tieghu. il-klient jista jaghti l-inkarigu lill-avukat darba biss fil-bidu tal-proceduri biex jassistih u ghal bqija, l-avukat responsabli jiehu l-briga sabiex isegwi l-kawza specjalment id-deferimenti u jidher fejn hemm bzonn minghar in-necessita tal-klient illi joqghod javzah kulldarba. L-Avukat Generali wkoll ikkwota fl-agravju tieghu l-artiklu 693(2) tal-Kodici Kriminali illi jghid illi z-zmien tal-preskrizzjoni inkiser ukoll b’mandatt ta’ arrest kemm il-darba jirrizulta illi l-imputat jew l-akkuzat inheba jew telaq minn Malta. Apparti l-fatt illi dan l-Artiklu dahal fis-sehh fid-9 ta’ April, 2002 wara z-zmien indikat fic-citazzjoni ma rrizultax illi matul il-perkors

ta’ din il-kawza l-appellat kien mohbi jew inkella telaq minn Malta b’tali mod biex jevita li jkun notifikat.

Ghalhekk hawn ukoll il-Qorti ma ssibx illi l-Avukat Genrali ghandu ragun fl-argument tieghu.  ghalhekk din il-Qorti issib illi mill-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti kienet legalment korretta fid-decizjoni taghha u mhux il-kaz illi din id-decizjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------